4. Ir-raba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ legalità, fid-dawl tal-eżekuzzjoni korretta tal-proġetti u l-assenza ta’ ksur jew nuqqas ta’ twettiq tal-impenji ssottoskritti min-naħa ta’ TECNALIA.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, billi ma ttiħidx inkunsiderazzjoni l-livell ta’ ħtija ta’ kull wieħed mill-parteċipanti fl-aġir allegat.

---

## Rikors ippreżentat fit-20 ta’ Frar 2018 – Laverana vs EUIPO – Agroecopark (VERA GREEN)

**(Kawża T-106/18)**

(2018/C 142/75)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Laverana GmbH & Co.KG (Wennigsen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Wachinger, M. Zöbisch u R. Drozdz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Agroecopark (Majadahonda, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “VERA GREEN” Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 068 646

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta’ Diċembru 2017 fil-Każ R 982/2017-5

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Frar 2018 – Agencja Wydawnicza Technopol vs EUIPO (200 PANORAMICZNYCH)

**(Kawża T-117/18)**

(2018/C 142/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Agencja Wydawnicza Technopol sp. z o. o. (Częstochowa, il-Polonja) (rappreżentant: C. Rogula, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)